22001D0030

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 30/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/567/KE tas-27 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi il-mudell taċ-ċertifikat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 67/91/KEE ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġejjin għandhom jiġu miżjudin wara l-punt 50 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/395/KE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"51. **399 D 0567**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/567/KE tas-27 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi il-mudell taċ-ċertifikat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE (ĠU L 216, ta' l-14.8.1999, p. 13).

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/567/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 24.
([2]) ĠU L 216, ta' l-14.8.1999, p. 13.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND